# L-edukazzjoni tal-ġenituri

## Xi prinċipji pedagoġiċi dwar proċess trasformattiv

*Carmel Borg*

**It-tisħiħ tal-proċess tad-demokratizzazzjoni tas-sistema edukattiva jġib miegħu, fost ħwejjeġ oħra, il-bżonn tat-tkattir ta' l-edukazzjoni tal-ġenituri. Is-sħubija vera bejn il-partijiet ikkonċernati titlob li l-ġenituri jiffurmaw attitudni pożittiva lejn il-kunċett tas-sħubija, jakkwistaw l-informazzjoni neċessarja dwar l-aspetti differenti tas-sistema edukattiva, u jsaħħu l-ħiliet li jgħinuhom jippartecipaw b'mod sħiħ u konkret fit-tijib u t-trasformazzjoni tal-proċess edukattiv. Dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu f'kuntest edukattiv li ma jqisx l-edukazzjoni tal-ġenituri bħala għan ewlieni. Lanqas ma jistgħu jintlaħqu permezz ta' azzjoni sporadika, ikkaratterizzata minn numru żgħir ta' laqgħat fejn l-esperti jferrgħu għerfhom fuq il-ġenituri. Programm edukattiv maħsub biex iġib bidla holistika fis-sistema jrid jibda mill-bżonnijiet ta' l-istess partijiet u jispiċċa f'azzjoni konkreta li tirrifletti sħubija ġenwina u orizzontali. B'hekk, tinħoloq dinamika prassjali fejn ir-riflessjoni u l-azzjoni jsegwu u jinfurmaw lil xulxin. Biex din id-dinamika tirnexxi, l-edukaturi li janimaw dawn il-programmi jridu jhaddnu u jhaddmu prinċipji li huma differenti minn dawk li jiffurmaw relazzjonijiet trasmissjonali. Dan l-artiklu jiffoka fuq uħud mill-prinicipji l-aktar importanti ta' programm edukattiv għall-ġenituri ta' bixra trasformattiva.**

> "L-għalliema, flimkien ma' l-amministrazzjoni ta' l-iskola, jistgħu jibdew il-proċess"



*Carmel Borg M.Ed (Toronto) Ph.D (Toronto) is lecturer in Curriculum Studies and Critical Pedagogy at the Faculty of Education. He is International Secretary of the Association of School Councils, and a member of a post-secondary school council. He is also involved in a number of parental involvement and education projects.*

## Viżjoni u impenn

Il-pjan ta' żvilupp huwa indikazzjoni tajba ta' fejn qed tħabbat qalb l-iskola. B'taqsima li titratta l-edukazzjoni tal-ġenituri, l-iskola tkun qed turi li temmen f'edukazzjoni holistika jew, fi kliem ieħor, edukazzjoni li tagħraf li l-iskola hija ħolqa waħda f'kullana ta' siti edukattivi li jinfluwenzaw l-iżvilupp tat-tfal.

Taqsima dwar l-edukazzjoni tal-ġenituri tikkomferma wkoll li l-istituzzjoni edukatttiva hija interessata li tiżviluppa l-kunċett ta' skola bħala ċentru komunitarju. Wieħed mill-aspetti l-aktar importanti ta' dan il-kunċett huwa l-edukazzjoni tal-kotra komunitarja.

L-għalliema, flimkien ma' l-amministrazzjoni ta' l-iskola, jistgħu jibdew il-proċess tal-kitba ta' din it-taqsima b'diskussjoni interna dwar: l-importanza tal-kunċett tas-sħubija; ir-rwol tal-programm edukattiv fit-tisħiħ tal-kunċett; min se jiddefinixxi l-bżonnijiet tal-ġenituri; u x'sehem jista' jkollhom il-ġenituri fil-fażijiet differenti tal-programm edukattiv. Din id-diskussjoni hija determinanti fl-għażla tal-politika u l-pedagoġija tal-programm. Jekk l-edukaturi jagħżlu li l-iskola għandha jkollha kontroll assolut fuq il-programm edukattiv, ix-xenarju li jsegwi minn din id-deċiżjoni x'aktarx se jkun ikkaratterizzat minn ġenituri li jippartecipaw b'mod passiv f'dak kollu li torganizzalhom l-iskola. Jekk, għall-kuntraju, l-edukaturi jaqblu li l-programm edukattiv għandu jkun innegozjat mal-parteċipanti, l-għalliema jkunu qegħdin jimpenjaw ruħhom favur djalogu kontinwu mal-ġenituri.

Deċiżjoni favur id-demokratizzazzjoni tal-programm edukattiv normalment twassal biex il-vuċi tal-parteċipanti tinstema' mill-bidu tal-proċess. F'kuntest ta' relazzjonijiet demokratiċi l-programm edukattiv jinbena fuq it-temi li jidentifikaw il-parteċipanti stess.

Il-bżonnijiet u l-interessi tal-ġenituri jistgħu jiġu identifikati permezz ta' laqgħat esplorattivi, preferibbilment fi gruppi żgħar. Fejn dan mhux possibli għandha ssir laqgħa għall-ġenituri, akkumpanjata minn kwestjonarju li jilħaq lill-ġenituri kollha. Din l-analiżi tematika, kif isejħilha Paulo Freire, għandha twassal biex il-programm edukattiv ikun rilevanti għall-parteċipanti.

Il-kitba tat-taqsima għandha tirrifletti l-istess impenn lejn il-proċess demokratiku. L-iskola tkun qed tikkomforma ma' dan l-impenn jekk tiddelega l-kitba ta' l-abbozz tat-taqsima lill-kunsill ta' l-iskola jew lill-kumitat li jirrifletti l-partijiet interessati fil-proġett

Il-verżjoni finali tat-taqsima għandha tinkiteb wara li l-għalliema u l-ġenituri jiltaqgħu biex jiddiskutu l-abbozz u l-pjan t'azzjoni.

## Il-ġenituri bħala protagonisti

Proċess edukattiv ta' bixra trasformattiva iqis lill-parteċipanti, f'dan il-każ lill-ġenituri, bħala ċentrali għall-programm. Din iċ-ċentralita tisarraf f'numru ta' prinċipji li jikkuntrastaw sew ma' l-idea tradizzjonali tal-parteċipanti ddominati mill-edukaturi. F'kuntest ta' edukazzjoni trasformattiva

- l-għerf, l-istorja u l-esperjenzi ta' kull paretċipant huma importanti;
- l-edukaturi jirrispettaw u jaffermaw l-identità tal-ġenituri;
- il-parteċipanti kollha huma indispensabbli;
- il-parteċipanti jistgħu jitgħallmu mill-esperjenzi ta' xulxin;
- il-ġenituri huma parteċipanti attivi; u
- il-ġenituri jistgħu jidentifikaw ruħhom mal-kontenut u l-metodu tal-programm.

Fi kliem ieħor, il-ġenituri m'humiex klijenti li ġew jixtru programm lest. Il-kunċett ta' proċess trasformattiv jirreżisti l-idea ta' pakkett edukattiv imgeżwer sew u lest biex l-istudenti jassimilawh.

## Edukaturi li jisimgħu

Edukaturi li jemmnu f'edukazzjoni trasformattiva huma semmiegħa tajbin. Din il-ħila hija kruċjali, għaliex il-pedagoġija trasformattiva hija bbażata fuq djalogu ġenwin. Djalogu veru jitlob li l-edukaturi jkunu

awtorevoli f'xogħolhom mingħajr ma jkunu awtoritarji fir-relazzjoni soċjali li jiżviluppaw mal-ġenituri. Fi kliem ieħor, filwaqt li l-edukaturi trasformattivi għandhom ikunu ippreparati u kompetenti f'xogħolhom, u dejjem lesti li jippresiedu fuq il-proċess edukattiv, għandhom jirrifjutaw li jservu biss ta' fonti ta' informazzjoni għal udjenza silenzjuża.

L-edukaturi trasformattivi għandhom ikunu kapaċi jitgħallmu mill-istejjer tal-ġenituri u, fejn ikun hemm bżonn, jipproblematizzaw u jgħinu lill-ġenituri jitrasformaw s-sens komun tagħhom.

L-edukazzjoni trasformattiva hija bbażata fuq in-negozjar ta' l-ispazju edukattiv bejn il-partijiet ikkonċernati. B'dan il-mod, il-poter ma jibqax ikkonċentrat f'idejn l-edukaturi meqjusa bħala esperti, iżda jinqasam mal-parteċipanti. Dan ifisser li se jkun hemm mumenti fejn l-edukaturi jieqfu, jisimgħu u jitgħallmu mill-esperjenzi u l-għerf tal-ġenituri.

> **"Il-poter ma jibqax ikkonċentrat f'idejn l-edukaturi meqjusa bħala esperti, iżda jinqasam mal-parteċipanti"**

## Adulti mhux tfal

Edukaturi trasformattivi, bħal edukaturi kompetenti oħra, ifitttxu li jtejbu lilhom infushom fil-qasam ta' l-edukazzjoni ta' l-adulti. Peress li ftit huma l-edukaturi li jaħdmu b'mod permanenti fil-qasam, hawn tendenza li l-għalliema involuti f'dan il-qasam jaddottaw l-istess pedagoġija li jużaw mat-tfal. L-infantilizzazzjoni tar-relazzjonijiet soċjali hija waħda mill-aktar raġunijiet komuni għalfejn l-adulti jivvutaw b'saqajhom.

Edukaturi trasformattivi jibbażaw il-pedagoġija tagħhom fuq ir-rispett lejn il-parteċipanti.

Għalhekk, joqogħdu attenti li l-pedagoġija li jaddottaw tkun immirata biex issaħħaħ l-istima personali tal-parteċipanti. Dan il-fatt huwa importanti, speċjalment f'kuntest edukattiv fejn il-ġenituri jkunu involuti f'tagħlim bażiku.

Dawk li jattendu dawn il-korsijiet ikunu għamlu sforz kbir biex jirbħu lilhom infushom u jersqu biex jitgħallmu ħwejjeġ li normalment huma assoċjati ma' l-edukazzjoni skolastika.

**Proċess edukattiv ta' bixra trasformattiva jqis lill-parteċipanti, f'dan il-każ lill-ġenituri, bħala ċentrali għall-programm.**



## Fiduċja

Programm trasformattiv huwa mibni madwar l-idea li l-parteċipanti kollha għandhom potenzjal, irrispettivament mill-possibiltà li fil-fażi skolastika tagħhom setgħu ma rnexxewx. Il-programm trasformattiv jenfasizza l-proċess tat-tagħlim aktar mit-tikketti li jissuġġerixu kemm hu diffiċli jew faċli li l-parteċipanti jitgħallmu.

## Sigurtà

Is-sigurtà hija marbuta mal-kunċett ta' rispett reċiproku bejn l-għalliema u l-istudenti. L-edukaturi jridu jkunu żguri li m'humiex jintimidaw lill-parteċipanti b'kontenut li jaljena, lingwaġġ tekniku li ma jinftiehemx mill-parteċipanti, għanijiet ambizzjużi li ma jħallux ħin biżżejjed għall-iċċarar ta' punti jew għad-diskussjoni, gruppi kbar li jbeżżgħu lil dawk li ma jħossuhomx komdi jitkellmu fil-pubbliku, u atmosfera impersonali u bierda.

Ambjent li jnissel sens ta' sigurtà qalb il-parteċipanti huwa kkaratterizzat minn ġenituri li jħossuhom komdi li jistqarru l-fehmiet tagħhom u ma jibżawx mill-possibilta li dak li qed jgħidu jkun żbaljat.

## Sehem attiv

Fi programmi trasformattivi ssib li l-ġenituri mhux biss huma involuti bħala 'studenti', iżda x'aktarx issibhom ukoll involuti f'aspetti oħra tal-programm. Dawn il-programmi jagħtu lok lill-ġenituri li jipparteċipaw f'attivitajiet bħal amministrazzjoni tal-kors, pubblikazzjoni ta' fuljetti edukattivi, u żvilupp ta' librerija. Programmi trasformattivi jaddottaw strateġija komprensiva ta' parteċipazzjoni.

## Tagħlim rilevanti

Ir-rilevanza tal-programm tiddependi ħafna fuq kemm il-programm huwa sensittiv għall-interessi u l-bżonnijiet tal-parteċipanti. Element ieħor li ħafna drabi jiddetermina kemm il-parteċipanti jibqgħu fil-kors huwa l-fattur ta' l-immedjatezza. Ħafna adulti jattendu programmi edukattivi bil-ħsieb li jtejbu l-kwalita ta' ħajjithom u ta' familthom. Għalhekk, prorammi trasformattivi huma maħsuba biex tassew jagħmlu differenza f'ħajjet il-parteċipanti.

## Perspettiva kritika

Programmi edukattivi ta' bixra trasformattiva jinkoraġġixxu dak li Paulo Freire jirreferi għalih bħala l-qari kritiku tad-dinja. L-edukaturi trasformattivi m'humiex kuntenti bit-trasferiment ta' l-informazzjoni.

Għalihom, ir-riflessjoni kritika dwar is-soċjeta tifforma hija integrali għall-proċess edukattiv.

Din l-analiżi ssib l-iżvog tagħha f'azzjoni konkreta fil-komunita.

B'dan il-mod, il-parteċipanti jsiru l-protagonisti ta' azzjoni trasformattiva u liberatorja.

## Evalwazzjoni kontinwa

L-evalwazzjoni tal-programmi trasformattivi issir tul il-programm kollu. Il-prinċipji msemmija hawn fuq jipprovdu l-kuntest għall-proċess evalwattiv u jikkumplimentaw l-għanijiet funzjonali tal-programm.